MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 84

23 ta' Ottubru 2017

Minuti tas-seduta Nru. 84 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar t-Tnejn 23 ta' Ottubru 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li għarraf permezz ta' imejl datat 23 ta' Ottubru 2017, li ma setax jattendi minħabba li qed isegwi kors ta' tagħlim. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-raġuni mogħtija kienet ġustifikata.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.6.4. **(Ref: T/4/6/Vol III)** u talab li din tiġi emendata biex tinqara hekk:

*"2.6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk kemm-il darba l-ħinijiet fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi jitħallew l-istess, għallinqas għandu jkun hemm jumejn fil-ġimgħa meta ma jkunx hemm l-estensjoni.".*

1.2. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 9.3. **(Ref: M/4/2/Vol II)** tas-seduta preċendenti u talab li din tinqara kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Artiklu 32(1A)(2) Kap 363* | *L-allowance lill-Kunsillieri għandha tkun ippeggjata mas-salarju ta' Membru Parlamentari, filwaqt li jkun hemm capping ta' 15% fuq id-dħul, bħalma jsir fil-każ ta' xogħol fuq bażi part-time. L-allowance għandha tibqa' marbuta mal-attendenza fis-seduti tal-Kunsill* |

1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo talab li ssir emenda fil-minuta 12.2. **(Ref: P/10/25)** tas-seduta ta' qabel sabiex tinqara hekk:

*"12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għar-raba konferenza parti mill-proġett imsemmi hawn fuq, li ser isseħħ f'Aquaviva Delle Fonti, bejn l-10 u s-17 ta' Ottubru 2017. Il-konferenza titratta t-tema "Digital Single Market.". Id-delegazzjoni ser tkun komposta mill-artisti Alexia Micallef, Joseph Bartolo, u Victoria Micallef, flimkien mal-Kunsillieri E. Bartolo u J. Azzopardi, u l-uffiċjal is-Sinjura D. Fenech Gambin.*

*Is-Sindku J. Buttigieg aċċenna li nghatat preżentazzjoni marbuta mat-tema tal-proġett li tħejjiet mill-Kunsillier P. Cutajar.”.*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 83 tat-3 ta’ Ottubru 2017, ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Servizz dwar Ġbir ta’ Skart Imħallat (K/6/2/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta’ qabel u għarraf li fit-12 ta’ Ottubru 2017 saret laqgħa mal-kuntrattur ewlieni – Velljo Services – sabiex jiġi diskuss il-futur tal-kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, fid-dawl tan-nuqqasijiet esperjenzati fl-aħħar ġimgħat. Permezz ta’ imejl datat 22 ta’ Ottubru 2017, Velljo Services, indikaw li l-intenzjoni tagħhom hija li ma jkomplux jirrendu s-servizz bir-rati stipulati fil-kuntratt u għalhekk talbu lill-Kunsill sabiex jagħmel sejħa pubblika bil-għan li jinħallu mill-kuntratt attwali.

2.1.3. Is-Sindku ppropona li fid-dawl tat-tibdil li qed iseħħ f’dan is-settur, il-kuntratt il-ġdid jingħata għall-perjodu massimu ta’ tliet snin li jiġġedded sena b’sena. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li jkun f’loku jekk fid-dokument tal-offerta jiġi speċifikat in-numru ta’ vetturi li għandhom jintużaw mill-kuntrattur.

2.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan il-kuntratt għandu jiġi diskuss f’laqgħa separata qabel ssir sejħa pubblika. Il-laqgħa ġiet appuntata għat-30 ta’ Ottubru 2017 fis.7.00 pm.

### 2.2.1. Mafkar lis-Sur Jimmy Muscat (M/9)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal ittra datata 17 ta’ Ottubru 2017, fejn il-familjari ta’ Jimmy Muscat taw il-kunsens tagħhom biex jitwaqqaf bust ta' Jimmy Muscat f’Misraħ iż-Żjara tal-Papa man-naħa tal-Bitħa tas-Santwarju.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-*Contracts Manager* sabiex issir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

### 2.3.1. Parteċipazzjoni fil-proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li huwa maħsub li l-proġett imsemmi jitkompla mill-Ayuntamiento de La Palma del Condadospanjoli bħala msieħeb ewlieni, kemm-il darba l-applikazzjoni tiġi approvata. Hija staqsiet dwar jekk il-Kunsill jisseħibx f’dan it-tieni proġett.

2.3.3. Il-Kunsill approva t-tisħib fil-kontinwazzjoni tal-proġett eMovie-Lab.

### 2.4.1. Park tal-Majjistral – Tibdil fil-ħinijiet li matulhom tista’ issir il-kaċċa (A/4/10)

2.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf il-Bord tal-Park tal-Majjistral ma aċċettax li jumejn biss fil-ġimgħa ma jkunx hemm estensjoni tal-ħinijiet, intiżi biex isiru żjajjar mit-tfal tal-iskola eċċ

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Programm ta’ attivitajiet kulturali matul l-2018 (A/5/5/Vol VIII)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.3. tas-seduta ta’ qabel u ppproponali li apparti mill-istedin ta’ artisti, artiġġjani mil-lokalitajiet ġemellati, għandu jkun hemm stedin simili mill-muniċipalità ta’ Stara Pazova fis-Serbja.

2.5.3. Il-Kunsill laqa’ il-proposta.

**2.6.1. Programm ta' attivitajiet kulturali matul l-2018** **(A/5/5/Vol VIII)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li fil-kalendarju ta' attivitajiet ippjanati għall-2018 għandha tiżdied oħra sabiex tfakkar il-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

2.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li l-attività ssir f'Novembru 2018, peress li l-ewwel seduta saret fl-istess xahar f' 1993.

2.6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li waqt il-konferenza li saret f' Aquaviva Delle Fonti, bejn l-10 u s-17 ta' Ottubru 2017 parti mil-proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* kellu l-okkażjoni jiltaqa' ma delegat Rumen li huwa baritonu u oħra Pollakka li hija mezzo sopran, li dehru nteressati jiġu Malta biex jieħdu sehem f' xi waħda mill-attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

**2.7.1. Jum Dinji tat-Tfal** **(A/5/3/Vol XIII)**

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.10.1. tas-seduta ta' qabel dwar l-attività msemmija li ser isseħħ fit-18 ta' Novembru 2017 bejn is-2.00 pm u l-4.00 pm. Hija għarfet li l-Kummissarju tat-Tfal is-Sinjura Pauline Miceli kkonfermat li ser tattendi. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet ukoll li saru arranġamenti sabiex l-kompost jinġieb fl-irziezet ta' Selmun, fejn ser issir l-attività.

2.7.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.8.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"*** **(P/10/25)**

2.8.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li r-raba' konferenza taħt il-proġett imsemmi hawn fuq saret f' Aquaviva Delle Fonti, bejn l-10 u s-17 ta' Ottubru 2017. Il-konferenza trattat it-tema *"Digital Single Market."*. Huwa qal li l-andament tal-konferenza kien wieħed tajjeb, filwaqt li l-preżentazzjoni li saret mid-delegazzjoni Melleħija ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-imsieħba l-oħra fil-proġett.

2.8.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li sfortunatament kien hemm aspetti oħra li ma marrux daqstant tajjeb, billi l-ajruplan minn Malta ittardja t-tluq tiegħu bi tliet siegħat, filwaqt li l-akkomodazzjoni allokata ma kinitx dik mistennija.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif li ngħata.

2.8.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-Comune di Casalborgone indikaw li il-ħames u l-aħħar konferenza parti mill-proġett imsemmi hawn fuq, isseħħ f' Casalborgone, bejn is-16 u l-25 ta' Mejju 2018. Hija kompliet tgħid li hemm problemi b' dawn id-dati, peress li jaħbtu mal-*Mellieħa International Music Festival*. Għaldaqstant jeħtieġ li dan il-fattur għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-Comune di Casalborgone.

2.8.6. Il-Kunsill innota dan l-appuntament u kien tal-fehma li sa l-aħħar ta' Jannar 2018 għandhom jiġu identifikati d-delegati u jinxtraw il-biljetti tal-ajru. Kien hemm qbil li għandhom jiġu mistiedna jattendu l-Onor. Clayton Bartolo u l-ekonomista Gordon Cordina.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 20/10/17;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 19/09/17 – 19/10/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 01/10/17 – 20/10/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Twettieq ta' proġetti utli għall-komunità bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali (F/1/7/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal ċirkulari 30/2017, datata 19 ta' Ottubru 2017, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn ntqal li permezz ta' Avviż Legali 274 tal-2017 kull Kunsill Lokali jista' jibbenefika minn proġetti ta' tisbiħ, jew proġetti utli li jsiru minn terzi bla ma l-Kunsill Lokali jkollu obbligi finanzjarji. Dawn ser ikunu ffinanzjati minn terzi li ser jibbenefikaw minn miżuri fiskali skont kif stabbilit fl-Avviż Legali. Huma jistgħu jibbenefikat minn tnaqqis fit-taxxa ta' 120% tal-ispiża li tkun saret fuq il-proġett. Tali tnaqqis ma jistax jaqbeż €90,000 f'sena waħda. Il-proġetti jridu jkunu maqbula u approvati mill-Kunsill Lokali u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie mgħarraf li aktar tagħrif ser jingħata waqt laqgħa li ser tissejjaħ apposta.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. PA 6208/17 – Alterazzjoni fil-binja eżistenti tat-Tunny Net Complex u fl-art ta' madwaru (P/5/8/T)

4.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li fost tibdil ieħor tinvolvi t-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet, twaqqif ta' tined u umbrellel fl-ispazju li jinsab bejn il-binja tat-Tunny Net Complex u l-baħar.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni sakemm jitħalla passaġġ bir-riġel mal baħar, bejn il-Moll tat-Tunnara u Triq il-Marfa, kif ukoll li jibqgħu fis-seħħ drittijiet eżistenti dwar l-użu tal-moll.

### 4.3.1. Inizjattiva b'riżq il-*Community Chest Fund* (D/4/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra data 28 ta' Settembru 2017, mibgħuta mill-President ta' Malta - l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca – fejn stiednet lill-Kunsill sabiex fl-1, it-2 u t-3 ta' Diċembru 2017 tinkiteb u titpoġġa il-kelma ISTRINA mal-art ġo post ċentrali, fejn in-nies se jkunu mistiedna jitfgħu €2 u jimlew il-kelma ISTRINA b'dawn il-muniti. Il-President ser iżżur dawn il-lokalitajiet, filwaqt li l-volontiera li jkollha magħha iqassmu tifkira lil dawk kollha preżenti. Din ser tixxandar direttament fuq il-media soċjali u l-mezzi tax-xandir. Dakinhar tal-Istrina, is-Sindku jkun mistieden jippreżenta l-għotja f'isem ir-residenti. Fil-fatt diġa saret laqgħa ta' informazzjoni fil-Palazz ta' San Anton fit-13 ta' Ottubru 2017.

4.3.3. Is-Sindku qal li huwa attenda għal-laqgħa msemmija u fiha tħabbar tibdil fil-pjan oriġinali, fis-sens li ser issir attività f'Misraħ San Ġorġ fil-belt Valletta, fejn ir-residenti ser ikollhom nofs siegħa allokata għal-lokalità rispettiva biex jagħtu d-donazzjonijiet. Kull €500 li jinġabru tingħata siġra lil dik il-lokalità

4.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandu jieħu sehem.

### 4.4.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2017 (N/1/Vol II)

4.4.2. Inqrat ittra datata 2 ta' Ottubru 2017, mibgħuta mill-Moviment Kerygma, fejn il-Kunsill intalab iressaq in-nominazzjoni tiegħu għall-premju msemmi hawn fuq.

4.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li għat-tieni sena konsekuttiva għandha titressaq in-nomina tal-Mellieħa Youths sabiex jingħata aktar għarfien tal-ħidma tagħhom fost iż-żgħażagħ tal-parroċċa, kif ukoll l-inizjattiva li jieħdu kull sena sabiex jorganizzaw żjarat għall-morda ġewwa Lourdes.

### 4.5.1. *Commonwealth Local Government Conference* (F/3/Vol IX)

4.5.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għal ċirkulari AKL 83/2017 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali data 23 ta' Ottubru 2017, fejn saret stedina lill-membri eletti sabiex jattendu l-konferenza msemmija li ser issir bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017.

4.5.3. Il-Kunsillieri ħadu nota.

**4.6.1. *European Destination of Excellence Awards 2017* ()**

4.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 9 ta' Ottubru 2017, mibgħut mill-Ministeru tat-Turiżmu, fejn il-Kunsill ġie mistieden jikkompeti għall-premju msemmi, li din is-sena addotta t-tema "*Tangible Cultural Offer*". Il-premju jingħata mill-Kummissjoni Ewropea bil-għan li tippromwovi attrazzjonijiet turistiċi mhumiex daqshekk magħrufa. Dawn jeħtieġ li jkunu amministrati minn Kunsilli Lokali bil-kollaborazzjoni ma' entitajiet mhux governattivi. Flimkien ma' dak il-Kunsill li jingħata l-ewwel premju jkun hemm erba' *runners up* li jingħataw diversi opportunitajiet ta' promozzjoni. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet hija it-3 ta' Novembru 2017. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet bħala offerta kulturali tanġibbli tiġi sottomessa nomina li tinvolvi x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija, li jinsabu fiċ-ċentru storiku tal-Mellieħa.

4.6.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Ottubru 2017.

5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ddikjara li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* numru 11 fl-iskeda, skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn id-19 ta' Settembru u id-19 ta' Ottubru 2017.

6.3. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-1 u l-20 ta' Ottubru 2017.

6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ddikjara li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar il-pagament 019-10-17 fl-iskeda, skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

**7.1. Sejħa għall-offerti dwar l-għoti ta' kuntratt dwar il-Ġbir ta' Skart Goff (K/6/8)**

7.2. Is-Segretarju qal li tħejja dokument tal-offerta mfassal skont il-linji gwida l-aktar riċenti maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti u mill-*Green Public Procurement Office*. Il-parti finanzjarja tiegħu hija bbażata fuq rati li jvarjaw skont in-numru ta' oġġetti li jinġabru. Biex jinħareġ prezz finali, l-offerenti ser jintalbu jindikaw ir-rati tagħhom applikati fuq in-numru ta' sejħiet li ġew irreġistrati matul l-2016. Is-Sur C. Debono qal ukoll li l-istess dokument ġie mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal xi tibdil li jistgħu jindikaw min-naħa tagħhom.

7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li għall-ewwel tliet oġġetti tintalab rata waħda, bil-għan li l-ispiża fuq medda ta' żmien tonqos.

7.4. Is-Segretarju kkummenta li d-daqs tal-oġġetti jista' ivarja drastikament u allura għandu mnejn jinġabar minn oġġett wieħed sa tnejn biss, minħabba d-daqs.

7.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel l-istruttura tal-ħlas lill-kuntrattur għandha tkun kif deskritt fil-minuta 7.2.

**8.1.** **Estensjoni tal-*culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/12)**

8.2. Saret referenza għax-xita qawwija li għamlet f'daqqa fl-4 ta' Ottubru 2017 li kkawżat ħsara fil-*culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq it-Tonn u Triq il-Madonna ta' Fatima. Inġibdet l-attenzjoni tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, li min-naħa tagħhom assenjaw lill-Perit Mark Anthony Cardona minn Transport Malta sabiex jagħmel rapport tal-ħsara u jindika rimedju bil-għan li ma jibqax imur ilma fil-bini. L-istess Ministeru alloka somma ta' €200,000 biex il-*culvert* l-antik jiġi sostitwit bil-katusi. Ix-xogħol beda jumejn wara minn kuntrattur ta' Transport Malta, filwaqt il-Kunsill ipprovda s-sorveljanza tat-traffiku sakemm ikun għaddej ix-xogħol.

8.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li Transport Malta ser tkun qed issegwi l-ispiża biex tirregola t-tul tal-*culvert* skont il-baġit allokat. Huwa qal li jixtieq juri apprezzament għall-appoġġ mogħti mill-Kunsillier E. Bartolo meta kien meħtieġ jittieħdu deċiżjonijiet fi ftit ħin, peress li triq ewlenija kienet ingħalqet bħala prekawzjoni.

8.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**9.1.** **PA 5909/17 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq in-Nases, u Triq il-Fortizza (P/5/8/Z)**

9.2. Ġie spjegat li t-talba tinvolvi kumpless għal użi varji, li jinkludi lukanda Klassi 3B bil-faċilitajiet anċillari, hwienet Klassi 4B, 120 *unit* residenzjali b'garaxxijiet taħt il-livell tat-triq. Għalkemm li l-applikazzjoni ġiet validata fl-24 ta' Mejju 2017, din għadha ma tħabbritx fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.3. Is-Sindku kkummenta li dan it-tip ta' żvilupp għandu diversi aspetti li jridu jiġu trattati, kemm mil-lat estetiku, it-traffiku li jiġġenera, kif ukoll il-kompatibilità mal-Pjan ta' Struttura, il-Pjan Lokali u l-linji gwida addottati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sur J. Buttigieg, għalhekk irrakkomanda li tintalab konsulenza mingħand perit li huwa intiż f'dan it-tip skrutinju, bħal-Perit Carmel Cacopardo, bil-għan li jiggwida lill-Kunsill fuq din il-materja.

9.4. Il-Kunsillieri preżenti approvaw unanimament ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku skont il-minuta 9.3. Il-Kunsill talab ukoll li tiġi stabbilita l-ispiża nvoluta qabel jingħata l-inkarigu mitlub.

**10.1.** **Estensjoni tas-Solana Hotel fi Triq Ġorġ Borg Olivier (A/6/3/1/Vol 114)**

10.2. Saret referenza għal talba mressqa mill-operatur tal-lukanda msemmija li tinvoli t-tqegħid ta' *tower crane* fi Triq it-Tonn, u parkeġġ riżervat għall-vetturi fi Triq Sammy Bartolo, Triq Dun Franġisk Sciberras, u Triq Ġorġ Borg Olivier, b'rabta mal-estensjoni tas-Solana Hotel, skont il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar PA 6362/16.

10.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li fid-dawl tal-fatt li l-operaturi tal-lukanda għandhom il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, jeħtieġ li jinstab metodu kif isir ix-xogħol bl-inqas periklu u nkonvenjent possibbli. Ittieħdet in konsiderazzjoni li jeħtieġu żewġ *tower cranes* biex jintlaħaq is-sit kollu, li wieħed minnhom ser jintrama fil-proprjetà tal-iżviluppatur.

10.4. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li l-postijiet riżervati għall-kostruzzjoni għandhom jiġu limitati għal dawk il-jiem meta verament ikunu meħtieġ li jinħatt/jitgħabba materjal, bil-għan li ma tinħoloqx frustrazzjoni bla ħtieġa fost ir-residenti. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-iżviluppatur bil-għan li:

(a) Is-sidien ta' proprjetajiet fi Triq it-Tonn jiġu nfurmati mill-iżviluppatur li jeħtieġ jintrama *tower crane,* filwaqt li jagħmlu dikjarazzjoni f'dan is-sens; u

(b) jintalbu *risk assessment* u polza ta' assikurazzjoni, billi biex jiffunzjona l-krejn jeħtieġ li jgħaddi minn fuq proprjetà ta' terzi, kif ukoll minħabba li dan ser jitpoġġa fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, li hija triq ewlenija.

**11.1. Finanzjament permezz tad-*Development Planning Fund*** **(P/4/29)(E/1/3/Vol IV)**

11.2. Is-Sindku għarraf li sa Settembru 2017 il-fondi li jappartjenu lill-Mellieħa fil-Fond tal-Ippjanar kienu jlaħħqu €420,000. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li attwalment l-Awtorità tal-Ippjanar qed tipproċessa talbiet għall-finanzjament tal-proġett li jinvolvi t-tisbiħ ta' Triq l-Inkurunazzjoni u l-iskema ta' dwal ġodda fi Triq il-Qortin.

11.3. Il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni għall-azzjoni li qed tittieħed.

**12.1. Pubblikazzjoni ta' Antoloġija minn Marija Grima** **(P/3/5)**

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-kittieba Marija Grima għarfitha li hija għandha l-intenzjoni li tippubblika t-tieni ktieb ta' peożiji bil-Malti. Peress li dan ix-xogħol hija kitbitu bl-idejn, hija appellat għall-għajnuna tal-Kunsill sabiex dawn jiġu ttajpjati f'forma diġitali sabiex ikunu jistgħu jingħataw lill-istampatur.

12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi stabbilit kemm jiswa s-servizzi meħtieġ.

**13.1. Milied Mellieħi** **(A/5/3/7)**

13.2. Il-Kunsillier J. Gauci talab li jiġi kkunsidrat li edizzjonijiet futuri ta' Milied Mellieħi jsiru fl-Irżieżet ta' Selmun jew fil-Manikata, bil-għan dan l-avveniment ma jibqax marbut ma' post wieħed.

13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li fl-2017 terġa' issir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, filwaqt li għandha tingħata konsiderazzjoni tal-proposta skont il-minuta 13.2 fil-każ ta' edizzjonijiet sussegwenti.

**14.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2017** **(F/5)**

14.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li l-ftuħ tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ser ikun fis-7 ta' Novembru 2017, filwaqt li l-fiera tkun miftuħa għall-pubbliku bejn it-8 u t-12 ta' Novembru 2017 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta.

14.3. Is-Sur D. Vella appella sabiex il-Kunsillieri jattendu fl-i*stand* tal-Kunsill flimkien mas-Sinjura Marvic Debono u s-Sur Clifford Vella.

**15.1. Estensjoni tal-Iskola Primarja** **(S/3/1/1)**

15.2. Is-Sindku għarraf li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kellhom laqgħa fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni fis-16 ta' Ottubru 2017, dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja. Għan-naħa tad-Diviżjoni kien hemm is-Segretarju Permanenti Dr Frank Fabri, id-Direttur Ġenerali Servizzi Edukattivi s-Sinjorina Maria Mc Namara u s-Sinjorina Roslynn Vella, id-Direttur *Peripatetic Virtual School*. Attenda wkoll il-Perit Raphael Axiaq mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada. Il-laqgħa ġiet imsejħa mid-Diviżjoni bħala parti mill-konsultazzjoni li qed issir b'rabta mal-proġett.

15.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li mil-laqgħa rriżulta li mhijiex l-intenzjoni li jinbena sular fuq il-bini eżistenti u għalhekk ser isiru binjiet ġodda fuq l-art konfinanti minn Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Mitħna l-Ġdida u t-taraġ ta' Triq Sant' Elena. Il-pjan huwa li jsir *childcare centre*, żieda fin-numru tal-klassijiet, parkeġġ taħt l-art li jakkomoda 60 karozza (livel wieħed), u librerija aktar spazjuża minn dik eżistenti. Ġie spjegat ukoll li ser tinbena biċċa art oħra, biswit l-uffiċini tal-iskola. Huwa stmat li dan il-proġett jitlesta sal-2020.

15.4. Intqal ukoll li min-naħa tal-Kunsill sar suġġeriment sabiex il-parkeġġ jintuża wkoll mill-pubbliku barra mill-ħinijiet tal-iskola, kif ukoll il-possibiltà li ssir mina li tiżbokka fi Triq Ġorġ Borg Olivier minn taħt Triq Sant' Elena. Saret il-mistoqsija wkoll dwar jekk huwiex possibbli li l-parkeġġ ikollu aktar livelli. Il-Perit Axiaq esprima l-opinjoni li t-tħaffir ta' mina jmur lill'hin mir-*remit* tal-Fondazzjoni. Dwar livelli aktar fil-parkeġġ huwa qal li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-medda tal-art li ser tiġi żviluppata ma' dik li trid tittieħed mir-rampi, jista' jkun li l-ispiża ma tkunx ġustifikata.

15.5. Is-Sindku qal li ttieħdet l-opportunità biex sar aċċenn fuq il-problemi li qed ikun hemm biex is-Sala Professur Godfrey Wettinger tintuża barra mill-ħinijiet tal-iskola. Saru wkoll proposti min-naħa tal-Kunsill sabiex dawn il-problemi jkunu jistgħu jintgħelbu.

15.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. Laqgħa mal-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Kunsilli Lokali (M/4/2/Vol II)

16.2. Saret referenza għal-laqgħa li saret mal-kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Kunsilli Lokali l-Onor. Robert Cutajar eżattament qabel din is-seduta. Għall-istess laqgħa attendew il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillieri J. Attard u P. Cutajar. Il-Kunsill ġie aġġornat li l-punti mqajjma mill-Onor. Cutajar kienu jinvolvu:

- Konferenza li ser tissejjaħ mill-Oppożizzjoni dwar ir-riforma fil-qasam tal-Kunsilli Lokali;
- Il-pożizzjoni addottata mill-Oppożizzjoni dwar ir-responsabilità tal-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-manutenzjoni tat-toroq fid-dawl tat-twaqqif ta' aġenzija apposta mill-Gvern Ċentrali;
- Il-pożizzjoni tal-Oppożizzjoni dwar it-tibdil meħtieġ fil-formola li fuqha hija bbażata l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali;
- Twaqqieħ tas-sala tal-Iskola Primarja bil-għan li jinqata' il-blat u terġa tinbena mill-ġdid b'sular ieħor magħha; u
- PA 5909/17 – L-iżvilupp ta' art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq il-Fortizza.

16.3. Il-punti li aċċennat għalihom in-naħa tal-Kunsill waqt l-istess laqgħa kienu jinvolvu s-suġġetti li ġejjin:

- Tisħiħ tal-ġemellaġġi li l-Kunsill għandu bl-involviment tal-lokalitajiet rispettivi fl-attivitajiet organizzati, kif ukoll fi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea;
- Kuntatti bejn il-LESA u l-Kunsill Lokali fit-tħaddim tas-sistema dwar l-infurzar lokali;
- Il-proposti li tressqu mill-Kunsill dwar ir-riforma fil-qasam tal-Gvern Lokali;
- Aċċenn li l-applikazzjoni PA 5909/17 kienet fuq l-aġenda tal-Kunsill sabiex jiġi żgurat li din tiġi pproċessata skont il-*polices* prevalenti; u
- L-estensjoni tal-Iskola Primarja li tinvoli aktar klassijiet, faċilitajiet ta' parkeġġ, il-librerija pubblika u *childcare centre*.

16.4. Il-Kunsill innota s-suġġetti diskussi.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8.05 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2017 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**